

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-18 ta' Mejju 2015 – Pohjanmäki vs Il-Kunsill**

(Kawża F-44/14)<sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Ufficijali — Promozzjoni — Eżami komparattiv tal-merti — Rwoli rispettivi tal-Awtorità tal-Ħatra u tal-KKP — Assenza ta' rapporti ta' evalwazzjoni — Nuqqas ta' konsultazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni mill-membri tal-KKP — Kompatibbiltà tal-funzjonijiet ta' relatur fi ħdan il-KKP u l-ex evalwatur — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Anzjanitā fil-grad — Livell ta' responsabbiltajiet eżerċitati — Dmir ta' premura)*

(2015/C 213/71)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Jaana Pohjanmäki (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer, E. Rebasti u M. Veiga, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Talba, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li r-rikorrenti ma tiġix promossa għall-grad AD 13 u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-danni morali allegatament subti.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) J. Pohjanmäki għandha tbat nofs l-ispejjeż tagħha.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati nofs l-ispejjeż sostnuti minn J. Pohjanmäki.

<sup>(1)</sup> ĠU C 212, 07.07.2014, p. 46.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-19 ta' Mejju 2015 – Brune vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-59/14)<sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/26/05 — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Annnullament mill-Qorti Ġenerali — Artikolu 266 TFUE — Organizzazzjoni ta' eżami orali ieħor — Rifjut tal-kandidat milli jipparteċipa f'dan l-eżami — Deċiżjoni ġidida li l-kandidat ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva — Rikors għal annullament — Ċaħda — Konferma fl-appell tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali — Talba għal kumpens ulterjuri — Osservanza tat-terminu raġonevoli)*

(2015/C 213/72)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrent: Markus Brune (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Mannes, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, aġenti, B. Wägenbaur, avukat)